KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fit-13 ta' Lulju 2023[1]

**Kawża C-363/22 P**

**Planistat Europe,**
**Hervé-Patrick Charlot**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell – Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Investigazzjoni esterna tal-OLAF – Trażmissjoni lil awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ta' informazzjoni relatata ma' fatti suġġetti għal proċeduri kriminali qabel tmiem l-investigazzjoni – Tressiq ta' lment mill-Kummissjoni qabel tmiem l-investigazzjoni – Proċedura kriminali nazzjonali – Deċiżjoni definittiva li tikkonstata li ma hemmx lok li jitkomplew il-proċeduri – Kunċett ta' 'nuqqas ta' ksur ikkaratterizzat' minn regola ta' dritt tal-Unjoni Ewropea – Danni morali u materjali allegatament imġarrba mir-rikorrenti"

1. Permezz ta' dan l-appell, il-kumpannija Planistat Europe u Hervé-Patrick Charlot (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"appellanti") qegħdin jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' April 2022 Planistat Europe u Charlot vs Il-Kummissjoni[2], li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tal-appellanti għal kumpens, minn naħa, għad-dannu li Charlot allegatament ġarrab minħabba t-trażmissjoni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) lill-awtoritajiet nazzjonali ta' informazzjoni dwar fatti li jistgħu jingħataw kwalifika kriminali kif ukoll tal-ilment imressaq mill-Kummissjoni Ewropea quddiem l-imsemmija awtoritajiet u, min-naħa l-oħra, għad-dannu materjali li r-rikorrenti allegatament ġarrbu minħabba x-xoljiment tal-kuntratti konklużi bejn Planistat Europe u l-Kummissjoni Ewropea.

2. Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jqajmu tliet aggravji, ibbażati, essenzjalment, fuq żbalji li wettqet il-Qorti Ġenerali, l-ewwel, fid-determinazzjoni tal-fatt li kkawża d-danni invokati, it-tieni, billi rrifjutat l-eżistenza ta' denunzja kalunnjuża da parti tal-OLAF u tal-Kummissjoni, u, it-tielet, billi ċaħdet l-argumenti tal-appellanti dwar l-eżistenza ta' danni morali u materjali. F'konformità mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser ikunu limitati għall-analiżi tat-tieni aggravju.

3. Dan l-aggravju joffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tagħti deċiżjoni dwar l-istħarriġ ġudizzjarju li għandha twettaq il-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' rikors dwar responsabbiltà mhux kuntrattwali, minn naħa, meta l-OLAF jittrażmetti informazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
[2] T-735/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:220.

MT

nazzjonali u jwettaq allegata kalunnja, filwaqt li sussegwentament il-qrati nazzjonali ddeċidew li ma hemm lok li tingħata deċiżjoni kontra il-partijiet ikkonċernati u minn naħa l-oħra, meta l-Kummissjoni tkun ressqet ilment u ġiet kostitwita bħala parti ċivili fl-istess kawża.

## I. Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999

4. Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[3] jirregola l-ispezzjonijiet, kontrolli u miżuri oħra meħuda minn impjegati tal-OLAF fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom[4]. L-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF jikkonsistu f'investigazzjonijiet "esterni", jiġifieri barra mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u f'investigazzjonijiet "interni", jiġifieri fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet.

5. L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1073/1999, intitolat "Ir-rapport ta' l-investigazzjoni u l-azzjoni meħuda wara l-investigazzjonijiet", huwa relatat mar-rapport li jitħejja malli titlesta l-investigazzjoni tal-OLAF.

6. Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1073/1999, intitolat "Informazzjoni mibgħuta mill-Uffiċċju":

"1. Mingħajr preġudizzju għal Artikoli 8, 9 u 11 ta' dan ir-Regolament u għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, [dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-[Unjoni] Ewropea minn frodi u irregolaritajiet oħra] l-Uffiċċju jista' f'kull ħin jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri nteressati l-informazzjoni miksuba waqt investigazzjonijiet esterni.

2. Mingħajr preġudizzju għal Artikoli 8, 9 u 11 ta' dan ir-Regolament, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għandu jibgħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istat Membru involut l-informazzjoni miksuba mill-Uffiċċju waqt investigazzjonijiet interni fi kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għal proċeduri kriminali. Bla ħsara għar-rekwiżiti ta' l-investigazzjoni, huwa għandu fl-istess ħin jinforma lill-Istat Membru involut.

[…]"

## II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

7. Il-fatti li wasslu għall-kawża, kif ippreżentati fil-punti 2 sa 18 tas-sentenza appellata, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

8. Fl-1996, Eurostat ħoloq network ta' punti ta' bejgħ ta' informazzjoni għal skop ta' statistika (datashops). Fl-Istati Membri, dawn id-datashops, li ma kellhomx personalità ġuridika, kienu bħala prinċipju integrati fl-istituti nazzjonali tal-istatistika (iktar 'il quddiem in-"NSIs")

[3] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 91.

[4] L-imsemmi regolament, applikabbli *ratione temporis* għall-fatti inkwistjoni, ġie abrogat u ssostitwit bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Settembru 2013, dwar investigazzjonijiet immexxija mill-[OLAF] (ĠU 2013, L 248, p. 1).

bl-eċċezzjoni tal-Belġju, Spanja u l-Lussemburgu, fejn dawn kienu ġestiti minn kumpanniji kummerċjali. Għal dan il-għan, ġew konklużi ftehimiet tripartitiċi bejn Eurostat, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (OP) u l-entità li tospita d-datashop.

9. Mill-1996 sal-1999, Planistat Europe, immexxija minn C. Charlot, ibbenefikat minn kuntratti qafas iffirmati ma' Eurostat għal diversi servizzi, inkluż b'mod partikolari t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal fi ħdan id-datashops.

10. Mill-1 ta' Jannar 2000, Planistat Europe ġiet fdata bil-ġestjoni tad-datashops ta' Brussell (il-Belġju), ta' Madrid (Spanja) u tal-Lussemburgu u kellha tħallas id-dħul mill-bejgħ kollu minn dawn it-tliet datashops lill-Kummissjoni.

11. F'Settembru tal-1999, is-Servizz tal-Awditjar Intern ta' Eurostat wettaq rapport li kkonstata irregolaritajiet minn Planistat Europe fil-ġestjoni tad-datashops.

12. Fis-17 ta' Marzu 2000, id-Direttorat Ġenerali tal-Kontroll Finanzjarju tal-Kummissjoni ttrażmetta l-imsemmi rapport lill-OLAF.

13. Fit-18 ta' Marzu 2003, wara investigazzjoni interna bil-għan li jiġu eżaminati l-modalitajiet ta' stabbiliment tan-network tad-datashops, iċ-ċirkwiti ta' fatturazzjoni, l-approprjazzjoni finanzjarja u l-eventwali involviment ta' uffiċjali tal-Unjoni, l-OLAF iddeċieda li jiftaħ investigazzjoni esterna OF/2002/0510 fir-rigward tal-Planistat Europe.

14. Fid-19 ta' Marzu 2003, l-OLAF ittrażmetta lill-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi informazzjoni dwar fatti li, fil-fehma tiegħu, setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali fil-kuntest tal-investigazzjoni li kienet għaddejja (iktar 'il quddiem in-"nota tad-19 ta' Marzu 2003"). Fuq din il-bażi, fl-4 ta' April 2003, il-Prosekutur tar-Repubblika ta' Pariġi (Franza) fetaħ proċeduri quddiem il-juge d'instruction du tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti Istruttorja tal-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Pariġi, Franza) għal riċettazzjoni u kompliċità fi frodi.

15. Fis-16 ta' Mejju 2003, din it-trażmissjoni ssemmiet fl-istampa u kienet is-suġġett ta' mistoqsijiet bil-miktub indirizzati lill-Kummissjoni minn Membri tal-Parlament Ewropew.

16. Il-Kummissjoni u l-OLAF ħarġu diversi stqarrijiet għall-istampa, li minnhom tnejn biss kienu jsemmu lil Planistat Europe. Fil-fatt, l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2003 rreferiet għall-ewwel darba għal Planistat Europe, filwaqt li f'dik tat-23 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni kkonfermat id-deċiżjoni tagħha li xxolji l-kuntratti konklużi ma' Planistat Europe.

17. Fl-10 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni ressqet ilment kontra X b'kostituzzjoni bħala parti ċivili quddiem il-Prosekutur tar-Repubblika ta' Pariġi minħabba reat ta' frodi u r-reati l-oħra kollha li setgħu jiġu dedotti mill-fatti msemmija fl-ilment.

18. Fl-10 ta' Settembru 2003, Charlot tqiegħed taħt investigazzjoni għal frodi u riċettazzjoni.

19. Fil-25 ta' Settembru 2003, l-OLAF għalaq kemm l-investigazzjoni interna IO/2000/4097 kif ukoll l-investigazzjoni esterna OF/2002/0510.

20. Fid-9 ta' Settembru 2013, il-juge d'instruction du tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti Istruttorja tal-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Pariġi), tat digriet li ma jitressqux proċeduri fir-rigward tal-persuni kollha li tqiegħdu taħt investigazzjoni fil-kuntest tal-proċedura kriminali, u li ġie appellat mill-Kummissjoni.

21. Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Ġunju 2014, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) ċaħdet ir-rikors tal-Kummissjoni filwaqt li kkonfermat id-digriet li ma jitressqux proċeduri.

22. Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Ġunju 2016, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) ċaħdet l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni, u b'hekk intemmu l-proċeduri ġudizzjarji.

23. Fl-10 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti bagħtu ittra ta' intimazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tħallashom is-somma ta' EUR 11.6 miljun bħala kumpens għad-danni allegatament imġarrba, b'mod partikolari minħabba l-ilment imressaq u minħabba l-istqarrijiet għall-istampa ppubblikati dwar is-suġġett.

24. Fil-15 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għaliex qieset li l-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea ma ġewx issodisfatti.

## III. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Essenzjalment, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata sa fejn iddikjarat preskritta parti mill-azzjoni tal-appellanti u sa fejn ċaħdet l-azzjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni;

– tilqa' t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza;

– tikkundanna lill-Kummissjoni tirrikonoxxi pubblikament li hija wettqet żball ta' evalwazzjoni fil-konfront ta' Planistat Europe u tad-diriġent tagħha;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

26. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

27. Konformement mal-Artikolu 76(2), tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din iddeċidiet li ma żżommx seduta għat-trattazzjoni.

## IV. Analiżi

28. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, imqajjem sussidjarjament, u li huwa s-suġġett ta' dawn it-talbiet, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji rigward ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet. L-ewwel parti hija bbażata

essenzjalment, fuq l-iżball tal-Qorti Ġenerali dwar l-illegalità tal-aġir malafamanti tal-OLAF u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-appellanti, it-tieni parti hija bbażata fuq l-iżball dwar l-illegalità tal-aġir tal-OLAF u t-tielet parti hija bbażata fuq l-iżball dwar l-illegalità tal-aġir tal-Kummissjoni.

29. Nipproponi l-inverżjoni ta’ dawn l-imsemmija partijiet. Fil-kuntest tal-eżami tat-tieni u tielet parti, għandhom jiġu analizzati l-obbligi tal-OLAF meta dan jikkritika fatti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali u l-obbligi tal-Kummissjoni meta din tikkostitwixxi ruħha bħala parti fi proċeduri nazzjonali. Għalhekk jidhirli li jkun utli li nibda l-analiżi tiegħi b’dawn il-partijiet, biex sussegwentement nindirizza n-natura allegatament malafamanti u kalunnjuża ta’ din id-denunzja li hija s-suġġett tal-ewwel parti tat-tieni aggravju.

## A. Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju

30. Permezz tat-tieni parti, li tinqasam f’żewġ ilmenti, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi billi ddeċidiet, fil-punt 84 sa 104 tas-sentenza appellata, li l-aġir tal-OLAF, b’mod partikolari t-trażmissjoni lill-awtoritajiet Franċiżi tal-informazzjoni dwar fatti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali, ma kisritx il-prinċipji ta’ amministrazzjoni tajba u ta’ kunfidenzjalità.

### *1. Fuq l-ewwel ilment*

31. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, billi qieset li fid-19 ta’ Marzu 2003, l-OLAF kellu diġà informazzjoni jew elementi li jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-fatti inkwistjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali. Skont l-appellanti, l-OLAF kien jaf għalkollox li l-irregolaritajiet identifikati mir-rapport ta’ awditjar intern ta’ Eurostat ma kienu taw lok għal ebda miżapproprjazzjoni ta’ fondi. Peress li l-qrati Franċiżi kkonstataw l-assenza ta’ dannu għall-baġit tal-Unjoni, il-konstatazzjoni li tinsab fil-punt 88 tas-sentenza appellata hija manifestament żbaljata. Billi ttrażmetta informazzjoni falza lill-awtoritajiet Franċiżi, l-OLAF ma ħax prekawzjonijiet biżżejjed, fatt li jikkostitwixxi ksur tad-dmir tiegħu ta’ verifika tad-data u għaldaqstant tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba.

32. Skont il-Kummissjoni, permezz tal-argumenti tagħhom, l-appellanti qegħdin jfittxu li jiksbu eżami mill-ġdid tal-fatti, mingħajr madankollu ma jallegaw li dawn ġew żnaturati u mingħajr ma jidentifikaw l-iżball ta’ liġi li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali.

33. Fuq il-mertu, dawn l-argumenti huma, fi kwalunkwe każ, infondati. F’dan ir-rigward, dwar it-trażmissjoni tan-nota mill-OLAF, il-Qorti Ġenerali fil-punti 87 u 89 tas-sentenza appellata, ġustament irrilevat li ħadet inkonsiderazzjoni, minn naħa, il-fatt li l-informazzjoni li hemm fl-imsemmija nota kienet ir-riżultat ta’ investigazzjoni li kienet bdiet fl-1999 abbażi ta’ rapport ta’ awditjar imwettaq minn Eurostat u, minn naħa l-oħra, il-fatt li l-investigazzjoni OF/2002/0510 kienet tikkostitwixxi l-parti esterna fl-investigazzjoni interna IO/2000/4097. Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-OLAF kien jaf sew li l-irregolaritajiet identifikati mir-rapport tal-verifika interna ta’ Eurostat ma kienu taw lok għal ebda miżapproprjazzjoni ta’ fondi, tali allegazzjoni ma ġietx invokata fl-ewwel istanza u b’hekk ma hijiex ammissibbli[5]. Barra minn hekk, skont

[5] Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ssostni li din l-allegazzjoni hija kontradetta mill-istess kliem tar-rapport finali ta’ investigazzjoni, li jikkonstataw somma mħallsa irregolarment lil Planistat Europe, peress li l-investigazzjoni stabbilixxiet li din il-kumpanija pparteċipat b’mod attiv fil-ħolqien ta’ riżerva moħbija li ppermettielha, permezz ta’ sistema ta’ fatturi foloz, tibbenefika b’mod partikolari minn riżorsi finanzjarji mhux previsti fil-kundizzjonijiet tas-suq. Dan jikkonferma dak li hemm fir-rapport ta’ awditjar tal-Eurostat (ara l-Anness A. 11, paġni 550 sa 552, u A. 13, paġna 569).

il-Kummissjoni, il-fatt li l-qrati Franċiżi waslu għal konklużjoni differenti mill-OLAF fir-rigward tal-eżistenza ta' eventwali dannu għall-baġit tal-Unjoni ma jistax iqiegħed inkwistjoni l-investigazzjoni tal-OLAF. Il-fatt li l-qrati Franċiżi kkonstataw l-assenza ta' dannu għal baġit tal-Unjoni Ewropea ma jippermettix, waħdu, li jintwera li l-OLAF wettaq żball fir-rigward tar-rikorrenti li kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

34. Qabel ma nibda l-analiżi tal-ammissibbiltà tal-ewwel ilment, għandi nosserva li, sa fejn l-appellanti jsostnu li l-OLAF wettaq denunzja kalunnjuża u malafama, huma jirrepetu l-argument li huma esponew ukoll fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni aggravju u li ser neżamina fil-kuntest ta' din il-parti[6]. Issa, mill-punti 60 sa 66 tal-appell jirriżulta li, permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti qegħdin jippruvaw jistabbilixxu l-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba dovut għal nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-OLAF billi, minn naħa, ittrażmetta informazzjoni b'mod mgħaġġel lill-awtoritajiet nazzjonali u, minn naħa l-oħra, żvela l-informazzjoni lill-istampa.

## *a) Fuq l-ammisibbiltà*

35. Permezz tal-ewwel ilment tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-OLAF bagħat in-nota tad-19 ta' Marzu 2003 mingħajr ma kien hemm indikazzjonijiet suffiċjenti ta' mġiba oġġezzjonabbli min-naħa tal-appellanti li jkun jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba. Fid-dawl tal-argumenti tal-Kummissjoni u għall-finijiet tal-ammissibbiltà ta' dan l-ilment, nosserva li, fir-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, l-appellanti diġà invokaw il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza minħabba rapurtaġġ medjatiku allegatament irregolari mill-OLAF[7].

36. Barra minn hekk, jidhirli li l-argumenti li jinsabu fil-punti 60 sa 66 tal-appell u indirizzati kontra l-punti 87 u 88 tas-sentenza appellata ma jikkostitwixxux sempliċi repetizzjoni tal-argumenti tagħhom fl-ewwel istanza iżda huma intiżi li jesponu l-iżbalji li bihom huma vvizzjati l-punti tas-sentenza appellata. B'mod evidenti, l-appellanti għandhom l-għan li juru li, billi kkunsidrat fl-imsemmija punti tas-sentenza appellata li fid-19 ta' Marzu 2003 l-OLAF kellu diġà informazzjoni jew elementi li minnhom seta' jiġi konkluż li l-fatti inkwistjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

37. Barra minn hekk, wieħed irid jifhem l-argumenti tal-appellanti bħala li jallega li mis-sentenza Il-Kummissjoni vs De Esteban Alonso, C-591/19[8], jirriżulta, li, peress li t-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali tikkostitwixxi għażla, l-OLAF kien obbligat li jaġixxi b'kawtela sabiex josserva l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Fi kliem ieħor, skont l-appellanti, l-assenza ta' obbligu li jiġi trażmess ir-rapport tal-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali jimplika li hemm obbligu li jiġu vverifikati r-riżultati tal-investigazzjoni, ħaġa li l-Qorti Ġenerali kellha tagħmel.

38. Konsegwentement, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra l-ewwel ilment bħala ammissibli.

6 Ara l-punt 88 ta' dawn il-konklużjonijiet.

7 Punt 57 *et seq.* tar-rikors fl-ewwel istanza.

8 Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021 (EU:C:2021:468, punt 61).

### *b) Fuq il-mertu*

39. L-ewwel ilment tat-tieni parti tat-tieni aggravju huwa indirizzat kontra l-punti 82 sa 92 tas-sentenza appellata. F'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali qieset li mill-Artikolu 10 u mill-premessa 13 tar-Regolament Nru 1073/1999 kien jirriżulta li l-OLAF għandu d-dritt li jadixxi lill-awtorità ġudizzjarja, inkluż qabel it-tmiem tal-investigazzjoni esterna, jekk iqis li għandu informazzjoni jew elementi li jistgħu jiġġustifikaw il-ftuħ ta' investigazzjoni ġudizzjarja jew li jikkostitwixxu provi utli għal tali investigazzjoni [9]. Il-Qorti Ġenerali nnotat li, peress li n-nota tad-19 ta' Marzu 2003 kienet ibbażata fuq ir-rapport ta' awditjar intern ta' Eurostat ta' Settembru 1999 u li kienet tinkludi l-fatti u ċ-ċirkustanzi rilevanti, l-OLAF diġà kellu, fid-19 ta' Marzu 2003, informazzjoni jew elementi li minnhom seta' jiġi konkluż li l-fatti inkwistjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jew ta' prinċipju ta' żmien raġonevoli [10].

40. Skont l-appellanti, peress li l-qrati Franċiżi setgħu jikkonstataw l-assenza ta' preġudizzju għall-baġit tal-Unjoni, tali konklużjoni hija manifestament żbaljata, liema fatt jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. F'dan ir-rigward, jidhirli li jkun utli li jiġi analizzat, fl-ewwel lok, jekk id-dispożizzjoni legali invokata mir-rikorrenti hijiex intiża li tagħti drittijiet lill-individwi, fit-tieni lok, l-iżvelar tal-fatti mwettqa mill-OLAF u l-obbligu tiegħu ta' diliġenza u, fit-tielet lok, l-istħarriġ ġudizzjarju applikat għal dan l-iżvelar tal-fatti.

#### *1) Fuq il-ksur suffiċjentement serju tad-dispożizzjonijiet legali*

41. Għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dritt għal kumpens huwa rrikonoxxut meta jiġu ssodisfatti, tliet kundizzjonijiet; jiġifieri li d-dispożizzjoni legali miksura jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi; li l-ksur ikun suffiċjentement serju u li teżisti rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-obbligu li għandu l-awtur tal-att u d-dannu mġarrab mill-persuna leża. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret ukoll li l-kriterju deċiżiv sabiex jiġi kkunsidrat li ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa suffiċjentement serju huwa dak tan-nuqqas manifest u gravi, mill-istituzzjoni jew mill-korp tal-Unjoni kkonċernat, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tiegħu [11]. Tali ksur jiġi stabbilit meta dan jimplika nuqqas manifest u gravi mill-istituzzjoni kkonċernata tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha, fejn l-elementi li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward huma, b'mod partikolari, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tad-dispożizzjoni miksura kif ukoll il-portata tal-marġni ta' evalwazzjoni li d-dispożizzjoni miksura tħalli lill-awtorità tal-Unjoni [12].

[9] Ara l-punti 82 sa 86 tas-sentenza appellata.

[10] Ara l-punti 87 sa 92 tas-sentenza appellata.

[11] Sentenza tat-23 ta' Marzu 2004, L-Ombudsman vs Lamberts (C-234/02 P, EU:C:2004:174, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[12] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' April 2017, L-Ombudsman vs Staelen (C-337/15 P, EU:C:2017:256, punt 37), u tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, (C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 30). Pereżempju, meta din l-istituzzjoni jkollha biss marġni ta' evalwazzjoni kunsiderevolment imnaqqsa, jew saħansitra ineżistenti, is-sempliċi ksur tad-dritt tal-Unjoni jista' jkun biżżejjed biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Camar u Tico C-312/00 P, EU:C:2002:736, punt 54).

42. Fir-rigward tar-regola li l-ksur tagħha huwa allegat, l-appellanti jinvokaw l-obbligu ta' diliġenza [13]. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li dan l-obbligu, inerenti fid-dritt għal amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta"), jeżiġi li l-amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea taġixxi b'attenzjoni u prudenza [14], u jikkostitwixxi dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi [15]. Konsegwentement inqis li l-appellanti jinvokaw il-ksur ta' regola li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi [16].

*2) Fuq id-denunzja tal-fatti mill-OLAF u l-obbligu tad-diliġenza*

43. Filfatt, mill-premessa 1 tar-Regolament Nru 1073/1999 jirriżulta li l-investigazzjonijiet tal-OLAF għandhom bħala għan il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-ġlieda kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni [17]. Skont il-premessa 5 ta' dan ir-regolament, ir-responsabbiltà tal-OLAF tikkonċerna, lil hinn mill-protezzjoni tal-interessi finanzjarji, l-attivitajiet kollha marbuta mas-salvagwardja tal-interessi tal-Unjoni kontra mġiba irregolari li jista' jwassal għal prosekuzzjoni amministrattiva jew kriminali. Għalhekk huwa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet li l-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet interni u esterni, li r-riżultati tagħhom huma ppreżentati f'rapport ta' investigazzjoni, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1073/1999, u li l-OLAF jittrażmetti informazzjoni lill-awtoritajiet u lill-istituzzjonijiet nazzjonali, konformement mal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament.

44. Minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, it-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-OLAF tidher li twettqet matul l-iżvolġiment ta' investigazzjoni esterna [18] abbażi tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1073/1999 [19]. Skont din id-dispożizzjoni, "l-Uffiċċju jista' ***f'kull ħin*** jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri nteressati, l-informazzjoni miksuba waqt investigazzjonijiet esterni" [20], li jfisser li, fil-kuntest ta' investigazzjonijiet esterni, id-denunzja tal-fatti lill-imsemmija awtoritajiet hija biss fakultattiva [21]. Din il-fakultà hija eżerċitata mill-OLAF fid-dawl tal-obbligu tiegħu li jipproteġi b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni konformement mal-Artikolu 280 KE (li sar l-Artikolu 325 TFUE) [22]. Għalhekk, fil-fehma tiegħi u

[13] Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fuq l-allegat ksur imwettaq mill-OLAF, ara Inghelram, J. F. H., "*Legal and Institutional Aspects of the European Anti-fraud Office (OLAF) – An Analysis with a Look Forward to a European Public Prosecutor's Office*", Europa Law Publishing, Zutphen, 2011, p. 203, u Groussot, X., Popov, Z., "*What's wrong with OLAF? Accountability, due process and criminal justice in European anti-fraud policy*", Common Market Law Review, Vol. 47, 2010, p. 605 sa 643. Dwar ir-rikors għad-danni, ara Inghelram, J. F. H., "*Judicial review of investigative acts of the European Anti-Fraud Office (OLAF): a search for balance*", Common Market Law Review, Vol. 49, 2012, p. 616 sa 617.

[14] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni (C-47/07 P, EU:C:2008:726, punti 92 u 93).

[15] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2013, ATC *et* vs Il-Kummissjoni (T-333/10, EU:T:2013:451, punt 93).

[16] Ara, b'analoġija, fir-rigward tar-regola ta' imparzjalità, is-sentenza tas-6 ta' April 2006, Camós Grau vs Il-Kummissjoni (T-309/03, EU:T:2006:110, punti 102 u 103).

[17] Ara, f'dan is-sens, Inghelram, J. F. H., *Legal and Institutional Aspects of the European Anti-Fraud Office (OLAF)*, Europa Law Publishing, Amsterdam, 2011, b'mod partikolari p. 107.

[18] Dwar it-tmexxija ta' investigazzjoni esterna, ara Inghelram, J. F. H., *Legal and Institutional Aspects of the European Anti-Fraud Office (OLAF) An Analysis with a Look Forward to a European Public Prosecutor's Office*, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna°13 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 65 *et seq.*

[19] Ara l-punt 84 tas-sentenza appellata.

[20] Enfasi miżjuda minni.

[21] Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1073/1999, li skontu l-OLAF *għandu* jittrażmetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru kkonċernat l-informazzjoni miksuba waqt investigazzjonijiet interni ta' fatti suġġetti għal prosekuzzjoni kriminali.

[22] Ara, ukoll, il-premessa 1 tar-Regolament Nru°1073/1999.

*prima facie*, dan jirrigwarda l-eżerċizzju regolari tal-kompetenzi tal-OLAF għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni[23]. Minn dan jirriżulta li l-att ta' trażmissjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali ma jistax jikkostitwixxi, bħala tali, aġir illegali.

45. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi nnotat li mill-premessa 13 tar-Regolament Nru 1073/1999 jirriżulta li l-konklużjonijiet tal-OLAF li jinsabu f'rapport finali ma jistgħux awtomatikament iwasslu għall-ftuħ ta' proċeduri ġudizzjarji, peress li l-awtoritajiet kompetenti huma liberi li jiddeċiedu dwar l-eżitu li għandu jingħata lir-rapport finali u għalhekk huma l-uniċi awtoritajiet li jistgħu jagħtu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni legali tal-persuni li fir-rigward tagħhom ir-rapport irrakkomanda li jinbdew tali proċeduri[24]. Tabilħaqq, l-elementi pprovduti mill-OLAF jistgħu jiġu ssupplimentati u vverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali, li għandhom firxa usa' ta' setgħat investigattivi minn dan l-uffiċċju.

46. Għal dan il-għan, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li ebda dispożizzjoni ma tipprojbixxi "espressament lill-istituzzjoni kkonċernata milli tmur quddiem l-awtorità ġudizzjarja qabel tmiem l-investigazzjoni tal-OLAF, jekk hija tqis li għandha informazzjoni jew elementi li jistgħu jiġġustifikaw il-ftuħ ta' investigazzjoni ġudizzjarja jew jikkostitwixxu provi utli għal tali investigazzjoni"[25]. Peress li l-awtoritajiet nazzjonali huma liberi li jiddeċiedu dwar il-possibbiltà tal-ftuħ ta' investigazzjoni ġudizzjarja, nipproponi li din il-kundizzjoni tinftiehem fis-sens li l-OLAF kellu informazzjoni jew elementi li jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-fatti inkwistjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali.

47. Madankollu, is-setgħa mogħtija lill-OLAF biex jirreferi l-kwistjoni lill-awtoritajiet nazzjonali, minn naħa, għandha tkun ikkwalifikata mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 1073/1999, li minnha jirriżulta li r-rapporti redatti mill-OLAF jikkostitwixxu, bl-istess mod u taħt l-istess kundizzjonijiet bħar-rapporti amministrattivi stabbiliti mill-ispetturi amministrattivi nazzjonali, provi ammissibbli fil-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istat Membru fejn l-użu tagħhom jirriżulta neċessarju. Fil-fehma tiegħi, *mutatis mutandis*, jirriżulta li l-informazzjoni miġbura mill-OLAF fil-kuntest ta' investigazzjoni tgawdi minn ċertu grad ta' kredibbiltà. B'mod ġenerali, jiena tal-fehma li l-prudenza hija meħtieġa peress li, fil-kuntest tat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali, dan l-uffiċċju ma jaġixxix bħala informatur kwalunkwe, iżda bħala uffiċċju mogħni b'setgħat investigattivi. u li din it-trażmissjoni sseħħ bejn żewġ awtoritajiet mogħnija b'tali setgħat[26]. Min-naħa l-oħra, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li l-fatt li jiġu aditi l-awtoritajiet nazzjonali jista' jservi ta' bażi għal proċeduri ġudizzjarji, ċivili u kriminali. Madankollu, il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li, fil-qasam kriminali, id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta għandhom jiġu rrispettati mill-Istati Membri mhux biss waqt il-proċeduri kriminali iżda wkoll matul il-fażi tal-investigazzjoni preliminari, mill-mument li l-persuna kkonċernata ssib ruħha akkużata[27]. Huwa evidenti li fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni huma marbuta bl-istess rekwiżiti bħall-Istati Membri. Minn dan isegwi li huwa neċessarju li jiġi stabbilit li, fil-kuntest tal-eżerċizzju tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali, l-OLAF aġixxa bil-kura u l-prudenza kollha meħtieġa, b'tali mod li ma kisirx l-obbligu ta'

23 Ara, ukoll, is-setgħat mogħtija lill-OLAF, iddefiniti espressament u fid-dettall mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999, li twaqqaf l-[OLAF] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 110).

24 Ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2004, Comunidad Autónoma de Andalucía vs Il-Kummissjoni (T-29/03, EU:T:2004:235, punt 37); tal-21 ta' Ġunju 2017, Inox Mare vs Il-Kummissjoni (T-289/16, EU:T:2017:414, punt 22), u tat-22 ta' Jannar 2018, Ostvesta vs Il-Kummissjoni (T-175/17, EU:T:2018:49, punt 29), u l-ġurisprudenza ċċitata.

25 Ara s-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs De Esteban Alonso (C-591/19 P, EU:C:2021:468, punt 57).

26 F'dan ir-rigward, nixtieq infakkar li, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, il-kooperazzjoni bejn l-OLAF u l-awtoritajiet nazzjonali tgawdi minn ċertu livell ta' fiduċja u għalhekk għandha effett probatorju sinjifikattiv.

27 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 33).

diliġenza u ta' osservanza tal-limiti imposti fuq is-setgħa ta evalwazzjoni tiegħu, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk din l-informazzjoni u dawn l-elementi humiex suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw id-denunzja tal-fatti inkwistjoni.

48. Il-kwistjoni li sussegwentement tqum hija dwar liema stħarriġ għandu jsir mill-Qorti Ġenerali sabiex jiġi vverifikat jekk din l-informazzjoni jew elementi jikkostitwixxux tali trażmissjoni.

*3) L-istħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-informazzjoni u tal-elementi trażmessi mill-OLAF*

49. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika, fil-kuntest tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali, jekk l-OLAF setax validament ikollu informazzjoni jew elementi li jistgħu jiġu klassifikati bħala kriminali [28], hija għandha tistabbilixxi, fil-fehma tiegħi, li dan l-uffiċċju bagħat lill-awtoritajiet nazzjonali informazzjoni li *dehret plawżibbli* [29]. Tabilħaqq, dan il-kunċett ta' plawżibbiltà jimplika li l-qorti tal-ewwel istanza tivverifika li l-OLAF kellu, fil-mument tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali, iktar elementi minn sempliċi dubju, mingħajr madankollu ma jeżiġi prova sinjifikattiv li ma teħtieġx iktar atti investigattivi [30]. Għalhekk, f'dan il-każ, in-natura tal-imsemmija informazzjoni ma kinitx preżumibbli [31], u għalhekk kienet il-Qorti Ġenerali li għandha teżamina l-kontenut tan-nota tad-19 ta' Marzu 2003.

50. F'dan ir-rigward, ninnota li l-appellanti ressqu żewġ argumenti fl-ewwel istanza. Minn naħa, huma sostnew li l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kien ġie miksur minħabba t-trażmissjoni ta' informazzjoni li saret b'mod mgħaġġel [32]. Għal dan il-għan, sa fejn l-appellanti jikkritikaw lill-Kummissjoni li naqset milli twettaq diliġenza minħabba l-perijodu qasir bejn l-awditu ta' Eurostat tal-1999 u n-nota tad-19 ta' Marzu 2003, kif diġà indikajt, taħt l-obbligu ta' diliġenza, ikkunsidrat flimkien mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41(1) tal-Karta, l-amministrazzjoni għandha teżamina bir-reqqa u b'imparzjalità l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni. Madankollu, huwa evidenti li t-tul ta' żmien inkwistjoni la jwassal għall-konklużjoni li kien hemm diliġenza partikolari u lanqas assenza ta' diliġenza, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball f'dan ir-rigward.

51. Min-naħa l-oħra, sa fejn l-appellanti sostnew fl-ewwel istanza li l-Kummissjoni kienet "suġġetta għal dmir ta' verifika tad-data li jista' jkollha impatt fuq ir-riżultat, sa fejn id-dokument inkwistjoni jimplika li r-rikorrenti wettqu irregolaritajiet serji u jista' jwassal għal konsegwenzi ekonomiċi serji fir-rigward tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali], l-argument tagħhom għandu jinftiehem fis-sens li l-OLAF ma ssodisfax id-dmir tiegħu li jivverifika informazzjoni li jista' jkollha effett fuq ir-riżultat li jaslu għalih l-awtoritajiet nazzjonali [33]. L-appellanti, essenzjalment

[28] Inqis li, kif diġà indikajt fil-punt 46 iktar 'il fuq, jekk is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs De Esteban Alonso (C-591/19 P, EU:C:2021:468, punt 57), tirreferi biss għall-ħtieġa tal "ftuħ ta' investigazzjoni ġudizzjarja jew jikkostitwixxu provi utli għal tali investigazzjoni", jiena madankollu tal-opinjoni li l-kriterju rilevanti għandu jkun id-dispożizzjoni tal-elementi illegali, peress li l-ħtieġa li jinbdew proċeduri ġudizzjarji hija kwistjoni għall-awtoritajiet nazzjonali.

[29] Ara, b'analoġija, il-formulazzjoni tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1073/1999.

[30] Ara, f'dan is-sens u b'analoġija, Mascala, C. *La fonction de l'apparence vraisemblable dans l'enquête pénale* In: *Juge et Apparence(s)* [online]. Presses de l'Université Toulouse Capitole, Toulouse 2010. http://books.openedition.org/putc/293. Skont l-awtur, il-kunċett ta' dehra probabbli jikkorrispondi għal stat li jinsab bejn sempliċi dubju li ma huwiex biżżejjed biex tinbeda l-investigazzjoni kriminali jew biex jitwettqu ċerti atti u l-prova sinjifikattiv li ma teħtieġx iktar atti investigattivi.

[31] Ara, Groussot. X. u Popov, Z., "What's wrong with OLAF? Accountability, due process and criminal justice in European anti-fraud policy", *Common Market Law Review*, Vol 47, p. 605 sa 643.

[32] Ara, b'mod partikolari punt 86 tat-talba tal-ewwel istanza.

[33] Ara, ukoll, il-punt 74 tar-risposta tal-Kummissjoni fl-ewwel istanza.

sostnew li l-illegalità inkwistjoni kienet konsegwenza tal-ksur tal-obbligu ta' diliġenza u li kien l-OLAF (u/jew il-Kummissjoni) li kellu jivverifika l-informazzjoni li kien jittrażmetti lill-awtoritajiet nazzjonali [34].

52. F'dan ir-rigward, kif diġà indikajt [35], inqis li, fil-kuntest ta' rikors taħt l-Artikolu 340 TFUE, il-plawżibbiltà tal-informazzjoni trażmessa mill-OLAF ma tiġix preżunta [36], b'tali mod li kienet il-Qorti tal-Ġustizzja li kellha teżamina l-kontenut tan-nota tad-19 ta' Marzu 2003 u li tivverifika jekk l-informazzjoni trażmessa *kinitx tidher plawżibbli* [37]. Għal dan il-għan, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li kellha tistabbilixxi jekk l-OLAF kellux indizji materjali preċiżi biżżejjed li juru li kien hemm raġunijiet plawżibbli biex jitqies li l-informazzjoni trażmessa fiha fatti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali. Inżid li d-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-ftuħ ta' proċeduri nazzjonali b'ebda mod ma tnaqqas mill-obbligu tal-OLAF li jittrażmetti informazzjoni plawżibbli u tal-Qorti Ġenerali li tivverifika jekk l-informazzjoni trażmessa tissodisfax dan ir-rekwiżit. Il-fatt li teżisti possibbiltà ta' "diskrepanza" bejn l-informazzjoni trażmessa lill-awtoritajiet nazzjonali mill-OLAF u l-konstatazzjonijiet tal-qrati nazzjonali ma jistax jikkostitwixxi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, jekk l-awtoritajiet nazzjonali, li b'ebda mod ma huma marbuta bis-sejbiet tal-OLAF, iwettqu eżami indipendenti u imparzjali tal-fatti u tal-kwistjonijiet legali.

53. F'dan il-każ, irrid nirrileva li, fil-punt 87 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, illimitat ruħha għall-konstatazzjoni li min-nota tad-19 ta' Marzu 2003 kien jirriżulta li l-informazzjoni li tinsab fiha kienet ir-riżultat ta' investigazzjoni li bdiet abbażi ta' rapport ta' awditu intern ta' Eurostat ta' Settembru 1999, jiġifieri kważi tliet snin u nofs qabel, u, min-naħa l-oħra, għall-konstatazzjoni li l-imsemmija nota kienet tesponi l-qafas istituzzjonali li fih din kienet taqa', kienet tippreżenta kif żvolġew il-fatti msemmija mill-investigazzjoni billi bdiet mill-ħolqien tan-network tad-datashops fl-1995 u l-1996, kienet tispjega r-relazzjonijiet finanzjarji fi ħdan dan in-network u kienet tagħti dettalji tal-konstatazzjonijiet magħmula matul l-investigazzjoni. Fil-punt 88 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-OLAF, fid-19 ta' Marzu 2003, diġà kellu l-informazzjoni jew elementi li minnhom seta' jiġi kkunsidrat li l-fatti inkwistjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali.

54. Jidhirli li, b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ma wrietx li hija vverifikat il-plawżibbiltà tal-informazzjoni trażmessa lill-awtoritajiet nazzjonali. Fil-fatt, billi ddeskriviet fil-qosor il-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni li tiġi trażmessa l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali u l-kontenut tan-nota tad-19 ta' Marzu 2003, is-sentenza appellata hija intiża li tesponi li l-OLAF *stess* seta' jikkunsidra li l-fatti inkwistjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali. Madankollu, inqis li hija l-Qorti Ġenerali stess li għandha tivverifika l-informazzjoni u l-elementi fattwali sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm il-plawżibbiltà li l-fatti inkwistjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali.

55. Għalhekk, inqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball billi ma vverifikatx il-plawżibbiltà tal-informazzjoni u tal-fatti trażmessi mill-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tannulla s-sentenza appellata f'dan ir-rigward, billi tiddeċiedi li hija

[34] F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li d-dritt għal amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, kif invokat mir-rikorrenti, jikkostitwixxi l-espressjoni ta' drittijiet speċifiċi fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri d-dritt li l-affarijiet tagħhom jiġu ttrattati b'mod imparzjali u ġust u, għaldaqstant, l-obbligu tal-istituzzjoni kompetenti li teżamina l-elementi rilevanti kollha tal-każ b'reqqa u b'imparzjalità. Għaldaqstant, dan id-dritt għandu, f'dan il-każ, jiġi kklassifikat bħala regola intiża li tagħti drittijiet lill-individwi.

[35] Ara l-punt 49 iktar 'l isfel.

[36] Ara, Groussot. X. u Popov, Z., "What's wrong with OLAF? Accountability, due process and criminal justice in European anti-fraud policy", *Common Market Law Review*, Vol. 47, p. 605 sa 643.

[37] Ara l-punt 88 tas-sentenza appellata.

l-Qorti Ġenerali, bħala qorti tal-ewwel istanza, li għandha teżamina jekk l-informazzjoni trażmessa mill-OLAF lill-awtoritajiet Franċiżi fin-nota tad-19 ta' Marzu 2003 kinitx tippermetti li jiġi kkunsidrat li kien plawżibbli li l-fatti inkwistjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali.

### *2. Fuq it-tieni aggravju*

56. L-appellanti jinvokaw preġudizzju għar-reputazzjoni ta' Charlot minħabba żvelar ta' informazzjoni lill-istampa mill-OLAF. L-appellanti jirreferu għal artikli li dehru f'Mejju u f'Ġunju 2003 f'ċerti gazzetti bil-lingwa Ġermaniża, li jsemmu l-isem ta' Planistat Europe. Minħabba dan l-allegat żvelar ta' informazzjoni, l-OLAF kiser l-obbligu ta' kunfidenzjalità taħt l-Artikolu 8 tar-Regolament 1073/1999 u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

57. Skont il-Kummissjoni, fir-rigward tal-allegat żvelar tal-kontenut tan-nota tad-19 ta' Marzu 2003 mill-OLAF, dawn huma allegazzjonijiet fattwali u, fin-nuqqas ta' żnaturament, estranji għas-suġġett ta' appell. Fi kwalunkwe każ, l-artikoli tal-istampa insostenn tal-allegazzjoni tar-rikorrenti ma jippermettux li jiġi stabbilit ksur ta' obbligu ta' kunfidenzjalità, peress li, f'dawn l-artikoli, hemm biss riferimenti għal elementi li saru pubbliċi meta Membru Ġermaniż tal-Parlament Ewropew għamel mistoqsija bil-miktub fit-13 ta' Mejju 2003, jiġifieri qabel il-pubblikazzjoni tal-artikli inkwistjoni[38]. Għalhekk, l-allegazzjonijiet dwar l-iżvelar ma jurux ksur, u wisq inqas ksur suffiċjentement serju, tal-obbligu ta' kunfidenzjalità tal-OLAF.

58. F'dan ir-rigward, sa fejn, permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jakkużaw lill-OLAF talli żvela informazzjoni lill-istampa[39], għandu jitfakkar li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li appell għandu jidentifika bi preċiżjoni l-punti ta' motivi kkritikati fis-sentenza li tagħha qed tintalab l-annullament u jindikaw b'mod preċiż l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernati[40]. F'dan il-każ, nikkonstata li l-appellanti ma jirreferu għal ebda żball ta' liġi jew għal xi punt tas-sentenza appellata, fejn għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dan l-ilment bħala manifestament inammissibbli.

### B. Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju

59. Permezz tat-tielet parti tat-tieni aggravju, li huwa maqsum fi tliet ilmenti, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, meta kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta resqet ilment kontra X quddiem il-qrati Franċiżi u billi kkostitwixxiet ruħha bħala parti ċivili.

### *1. Fuq l-ewwel aggravju*

60. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet kalunnja fil-konfront ta' Planistat Europe u direttur tagħha. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà ta' dan l-aggravju.

[38] Anness A. 18, p. 669 sa 675.

[39] Ara l-punti 67 sa 69 tal-appell.

[40] Sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni (C-619/13 P, EU:C:2017:50, punt 42), u tat-8 ta' Ġunju 2017, Dextro Energy vs Il-Kummissjoni (C-296/16 P, EU:C:2017:437, punt 60).

61. F'dan ir-rigward, ninnota li l-appellanti naqsu milli jidentifikaw l-iżball ta' liġi li fuqu huwa vvizzjat ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali. Kif indikat iktar 'il fuq, mill-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li tagħha jkun qiegħed jintalab l-annullament, kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu din it-talba b'mod speċifiku, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat[41]. Eċċezzjoni li, mingħajr ma tinkludi argument speċifikament immirat lejn l-identifikazzjoni tal-iżball ta' liġi li bih hija vvizzjata d-deċiżjoni kkontestata, sempliċement tirrepeti jew tirriproduċi testwalment il-motivi u l-argumenti li tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kunċett ta' denunzja kalunnjuża, nirreferi għall-analiżi tiegħi dwar l-ewwel parti tat-tieni aggravju[42].

## 2. *Fuq it-tieni aggravju*

62. Skont l-appellanti, il-il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kienet wettqet ebda żball billi ressqet ilment kontra X quddiem il-qrati Franċiżi u billi daħlet fil-kawża bħala parti ċivili. B'mod iktar speċifiku, ir-rikorrenti essenzjalment jakkużaw lill-Kummissjoni li aġixxiet b'mod mgħaġġel meta ressqet l-ilment mingħajr ma stenniet li tingħalaq l-investigazzjoni tal-OLAF. Il-Qorti Ġenerali żbaljat billi rrikonoxxiet, fil-punt 111 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha d-dritt li tressaq l-ilment, meta l-eżerċizzju ta' tali dritt huwa, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, "abbużiv". Il-Kummissjoni kellha tiżgura minn qabel il-veraċità tal-informazzjoni li hija s-suġġett tal-ilment.

63. Preliminarjament, kif indikajt diġà, f'dan il-każ, l-OLAF ittrażmetta l-informazzjoni lill-awtoritajiet Franċiżi abbażi tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1073/1999[43] u din it-trażmissjoni tikkostitwixxi l-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu bil-għan li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 280 KE (li sar l-Artikolu 325 TFUE)[44]. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ebda dispożizzjoni ta' dan ir-regolament ma tipprojbixxi espressament lill-Kummissjoni milli tadixxi l-każ lill-awtorità ġudizzjarja qabel it-tmiem tal-investigazzjoni tal-OLAF, jekk tqis li għandha informazzjoni jew fatti li jistgħu jiġu kklassifikati bħala kriminali[45]. Għalhekk, kif issostni l-Kummissjoni, li wieħed jistenna l-għeluq formali tal-investigazzjoni tal-OLAF kien imur kontra l-għan imfittex mill-Artikolu 280 KE, sa fejn dan tal-aħħar diġà kien seta', wara tliet snin ta' investigazzjoni, jiġbor informazzjoni li ttrażmetta lill-awtoritajiet kompetenti matul l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 10(1), tar-Regolament Nru 1073/1999[46].

64. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli, sa fejn il-Kummissjoni kkostitwixxiet ruħha parti ċivili b'mod mgħaġġel, kif enfasizzat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 108 tas-sentenza appellata, il-ksur ta' dan

41 Ara l-punt 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42 Ara l-punti 81 u 88 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 Ara l-punt 84 tas-sentenza appellata.

44 Għandu jiġi speċifikat li t-trażmissjoni kontenzjuża hija distinta mill-ipoteżi ta' preżentazzjoni ta' provi, prevista fl-Artikolu 9(2), tar-Regolament Nru°1073/1999.

45 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs De Esteban Alonso (C-591/19 P, EU:C:2021:468, punt 56 u 57).

46 F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed jinnota li l-Kummissjoni tinvoka t-terminu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin, previst mil-liġi Franċiża għall-ftuħ tal-proċeduri, biex tispjega li hija kienet obbligata tressaq ilment malajr kemm jista' jkun ladarba l-OLAF kien seta' jistabbilixxi l-fatti, fin-nuqqas tar-riskju li proċeduri kriminali fi Franza jiġu preskritti, mill-inqas parzjalment. Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 113-8 tal-Kodiċi Kriminali Franċiż jeżiġi, għar-reati mwettqa barra mit-territorju Franċiż, li l-proċeduri mressqa fuq talba tal-Uffiċċju tal-Prosekutur jiġu ppreċeduti minn ilment tal-vittma. F'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin previst fl-Artikolu 8 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Franċiż għall-ftuħ ta' proċeduri kien diġà beda jiddekorri, peress li l-fatti kienu jmorru lura għas-snin 1996 sa 1999.

il-prinċipju, jekk jitqies li ġie stabbilit, jista' jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni biss safejn din tkun kawża ta' dannu minħabba dekorrenza eċċessiva taż-żmien[47]. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit li l-eventwali ksur tal-imsemmi prinċipju jaffettwa l-kapaċità tal-appellanti li jiddefendu ruħhom b'mod effettiv, li ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li dawn setgħu jiddefendu ruħhom quddiem il-qrati nazzjonali. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball meta kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kisritx dan l-imsemmi prinċipju meta kkostitwixxiet lilha nnifisha parti ċivili qabel ma rċeviet ir-rapport finali fil-kuntest tal-investigazzjoni esterna.

65. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tirrevedi x-xogħol imwettaq mill-OLAF, għandu jiġi rrilevat li dan l-uffiċċju jaġixxi b'indipendenza totali[48]. Għalhekk, skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 1999/352 u l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1073/1999, huwa direttament lill-OLAF li ngħataw il-kompetenzi tal-Kummissjoni fil-qasam ta' investigazzjonijiet amministrattivi esterni sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra kull attività illegali oħra li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi li tikkonċerna kull fatt jew attività oħra ta' operaturi bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr indħil fil-kompetenzi tal-OLAF, tkun obbligata tipproċedi għall-verifika tal-informazzjoni trażmessa mill-OLAF.

66. Fl-aħħar nett, l-appellanti jsostnu li l-Kummissjoni ma kellhiex tressaq ilment peress li kien hemm "ċirkustanzi għalkollox eċċezzjonali" li kienu jostakolaw dan l-ilment. Peress li dan l-aħħar argument ma ġiex invokat fir-rikors, fil-fehma tiegħi huwa inammissibbli.

### 3. *Fuq it-tielet aggravju*

67. Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Kummissjoni kkawżat il-medjatizzazzjoni ta' dan l-ilment, u b'hekk kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Il-Kummissjoni teċċepixxi l-inammissibbiltà ta' dan l-aggravju.

68. Għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jonqsu milli jindikaw l-iżball li bih huwa vvizzjat ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. B'hekk, l-ilment huwa inammissibbli.

69. Konsegwentement, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tielet parti tat-tieni eċċezzjoni bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

## C. Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju

70. Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kellha tirrikonoxxi l-eżistenza tad-denunzja kalunnjuża mwettqa mill-OLAF u mill-Kummissjoni, li taqa' taħt il-kunċett ta' malafama u tikkostitwixxi kemm reat kriminali kif ukoll responsabbiltà ċivili f'25 minn 27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball, billi kkunsidrat, fil-punti 74 u 76 tas-sentenza appellata, li l-appellanti bbażaw ruħhom, sabiex jinvokaw l-eżistenza ta' denunzja kalunnjuża, fuq id-dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali Franċiż, fuq il-ġurisprudenza tal-qrati Franċiżi kif fuq il-kummentarji legali Franċiżi.

47 Ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, CEPSA vs Il-Kummissjoni (C-608/13 P, EU:C:2016:414, punt 61).

48 Ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni (T-48/05, EU:T:2008:257, punt 299).

71. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina dawn l-argumenti fid-dawl tad-dritt għall-ħajja privata u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 41 tal-Karta. Ir-rikorrenti ċċitaw il-ġurisprudenza nazzjonali dwar id-denunzja kalunnjuża biss bħala eżempju, sabiex juru li tali tort jikser il-prinċipji ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri.

72. Il-Kummissjoni tqis li dawn l-argumenti huma inammissibbli peress li ma ġewx invokati fl-ewwel istanza. Fil-fehma tagħha, fil-kuntest tar-rikors tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti sostnew l-eżistenza ta' denunzja kalunnjuża u rreferew b'mod espliċitu għall-Kodiċi Kriminali Franċiż u għall-ġurisprudenza nazzjonali relatata miegħu. L-appellanti argumentaw b'mod ċar, quddiem il-Qorti Ġenerali, dwar l-illegalità tal-aġir tal-OLAF u tal-Kummissjoni minħabba li kienet denunzja kalunnjuża[49].

73. Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-ewwel parti, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali ġiet adita, skont din l-ewwel parti, b'tilwima iktar estiża minn dik li tagħha ħadet konjizzjoni l-Qorti Ġenerali, sa fejn l-appellanti allegaw diffamazzjoni għall-ewwel darba fl-appell tagħhom.

74. F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-argumenti tal-appellanti kinux relatati mal-kunċett ta' denunzja kalunnjuża jew ma' dak ta' malafama, nosserva li, fir-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, huma sostnew li d-denunzja kulunnjuża, jiġifieri t-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi, kienet akkumpanjata minn komunikazzjoni malafamanti, jiġifieri l-iżvelar lill-istampa relatati ma' din it-trażmissjoni[50]. Minn naħa, sa fejn ikkritikaw it-trażmissjoni tan-nota tad-19 ta' Marzu 2003 u meta lment bil-kostituzzjoni bħala parti ċivili tressqu kontrihom mill-Kummissjoni fl-10 ta' Lulju 2003 huma invokaw id-denunzja kalunnjuża fil-konfront tagħhom[51]. Min-naħa l-oħra, sa fejn l-appellanti kkritikaw l-allegat żvelar lill-istampa mwettaq mill-OLAF u mill-Kummissjoni, ninnota li huma rreferew, għalkemm b'mod lakoniku, għal stqarrijiet għall-istampa "malafamanti", bi ksur tad-dritt għall-preżunzjoni ta' innoċenza tal-persuna konċernata[52].

75. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li fl-ewwel istanza l-appellanti kienu diġà ressqu l-argumenti kemm dwar id-denunzja kalunnjuża kif ukoll dwar il-malafama. Madankollu, l-argument tal-malafama jidher li jirrigwarda biss l-allegazzjoni b'rabta mal-iżvelar tal-informazzjoni lill-istampa[53] u mhux bħala trażmissjoni ta' informazzjoni mill-OLAF u l-Kummissjoni Ewropea lill-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk id-denunzja kulunnjuża tikkostitwixxix kunċett qrib ta' malafama jew jekk jaqax direttament taħtu u jekk tikkostitwixxix ksur tal-Artikoli 7 u 41 tal-Karta, inqis li dawn il-mistoqsijiet jirrigwardaw il-mertu tal-kawża li ser neżamina iktar 'il quddiem[54].

76. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li r-rikors fl-ewwel istanza ma jippermetti li jiġi identifikat ebda argument dwar l-eżistenza ta' malafama bi ksur ta' dispożizzjoni jew prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

49 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistrieħ fuq estratt mir-Rapport għas-Seduta quddiem il-Qorti Ġenerali, li jirreferi għal denunzja kalunnjuża u mhux għal kalunnja jew għal malafama.

50 Punti 37 sa 40 tar-rikors tal-ewwel istanza. Ara wkoll, id-differenza f'punt 62 sa 63 tar-rikors tal-ewwel istanza.

51 Ara, b'mod partikolari, il-punti 37, 43, 44, u 56 tar-rikors fl-ewwel istanza.

52 Ara, b'mod partikolari, il-punti 59 u 69 tar-rikors fl-ewwel istanza, li jsemmu l-iżvelar lill-istampa.

53 Ara, b'mod partikolari, il-kuntest tal-punt 110 tar-rikors fl-ewwel istanza.

54 Ara l-punti 81 sa 88 ta' dawn il-konklużjonijiet.

77. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, minn naħa, il-*petitum* tar-rikors promotur jirreferi għall-ksur suffiċjentement serju tad-dmir ta' premura u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tad-drittijiet tad-difiża, tad-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza u tal-obbligu ta' kunfidenzjalità. Fil-fehma tiegħi, huwa evidenti li l-appellanti għamlu riferiment għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, kif ikkonkretizzati fil-Karta [55]. Min-naħa l-oħra, interpretazzjoni tal-argumenti li jinsabu fir-rikors fl-ewwel istanza tikkonferma biss din l-evalwazzjoni, peress li, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-allegazzjonijiet relatati mad-denunzja kalunnjuża, l-appellanti invokaw il-preġudizzju għar-reputazzjoni jew għall-unur u għaldaqstant għall-ħajja privata ta' individwu, fis-sens tal-libertà tal-espressjoni stabbilita fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 [56]. Barra minn hekk, fir-replika tagħhom fl-ewwel istanza, huma kkonkludew li ġew ippreġudikati r-reputazzjoni ta' individwu, li hija kwistjoni ta' rispett għall-ħajja privata [57], kif ukoll id-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta [58]. Minn dan niddeduċi li l-Kummissjoni ma tistax validament tikkunsidra li l-ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa argument ġdid imressaq fl-istadju tal-appell.

78. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-ewwel parti tat-tieni aggravju bbażata fuq malafama hijiex preskritta, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, azzjonijiet kontra l-Unjoni fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali huma preskritti mad-dekorrenza ta' ħames snin mill-okkorrenza tal-avveniment li jagħti lok għalihom. F'dan il-każ, jidher li l-aggravju bbażat fuq il-malafama minħabba żvelar lill-istampa huwa preskritt peress li d-dannu ġie kkawżat b'mod istantanju.

79. Fil-fatt, fil-każ fejn l-investigazzjoni tal-OLAF u t-trażmissjoni tar-rapport ta' din l-investigazzjoni huma koperti mill-prinċipju ta' kunfidenzjalità, kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1073/1999, id-dannu tal-ksur ta' dan il-prinċipju jseħħ *mill-mument tal-iżvelar* tal-elementi kunfidenzjali. Għaldaqstant, għandha ssir distinzjoni skont jekk id-dannu jseħħx minħabba d-denunzja kalunnjuża jew minħabba l-malafama, b'tali mod li għal din tal-aħħar ir-responsabbiltà tirriżulta indipendentement mill-għoti tas-sentenza tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni). Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet, fil-punt 60 tas-sentenza appellata, li l-eventwali riżultati tal-proċeduri ġudizzjarji nazzjonali ma jistgħux jaffettwaw il-preżentata ta' rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali, b'tali mod li r-responsabbiltà għal malafama rriżultat indipendentement mill-għoti tas-sentenza tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni).

80. Minn dan isegwi li l-appellanti kellhom jitolbu kumpens għal dan id-dannu f'terminu ta' ħames snin mill-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet allegatament diffamatorji, li saru bejn Mejju u Lulju 2003. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

81. Fir-rigward tal-mertu tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti jqiegħdu inkwistjoni l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-argumenti relatati mad-denunzja kalunnjuża.

[55] B'mod partikolari, ir-riferiment għall-obbligu ta' diliġenza u għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li *prima facie* jorbtu lill-amministrazzjoni tal-Unjoni, turi l-intenzjoni tar-rikorrenti li jistrieħu fuq prinċipji ġenerali tal-Unjoni.

[56] Ara, b'mod partikolari, il-punt 110 tar-rikors fl-ewwel istanza.

[57] Punt 27 tar-rikors fl-ewwel istanza.

[58] Punt 29 tar-rikors fl-ewwel istanza.

82. Fil-punti 74 sa 76 tas-sentenza appellata, li jaqgħu fil-parti ta' din is-sentenza dwar l-eżami tal-illegalità tal-aġir tal-OLAF u tal-Kummissjoni minħabba denunzja kalunnjuża, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-appellanti bbażaw ruħhom fuq dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali Franċiż, fuq il-ġurisprudenza tal-qrati Franċiżi kif ukoll fuq il-kummentarji legali Franċiża f'dan il-qasam. Hija tirrileva li, għalkemm huwa minnu li l-qrati tal-Unjoni għandhom ġurisdizzjoni esklużiva sabiex jiddeċiedu dwar ir-rikorsi għal kumpens ta' dannu imputabbli lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-interpretazzjoni u l-qafas legali fid-dritt kriminali Franċiż tal-fatti allegati mir-rikorrenti ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala ineffettivi l-argumenti tal-appellanti bbażati fuq l-eżistenza ta' denunzja kalunnjuża.

83. Għandu jiġi osservat li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, fil-punti 74 sa 76 tas-sentenza appellata, jirriżulta minn qari tar-rikors, li skontu l-appellanti ressqu *biss* argumenti insostenn tad-dritt nazzjonali. Madankollu, kif diġà esponejt fil-parti dwar l-inammissibbiltà, jidhirli li huwa paċifiku li l-appellanti invokaw id-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari l-prinċipji ġenerali tiegħu [59]. Skont ir-rikors fl-ewwel istanza, id-denunzja kalunnjuża li allegatament wettqu l-OLAF u l-Kummissjoni tmur kontra d-dmir ta' premura [60] u d-dritt għal amministrazzjoni tajba sanċiti fl-Artikolu 41 tal-Karta [61].

84. Fi kwalunkwe każ, anki fl-assenza ta' riferimenti espliċiti għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jiena tal-fehma li hija l-Qorti Ġenerali li għandha tipproċedi, skont il-prinċipju ta' *iura novit curia*, għall-eżami tal-imsemmija prinċipji [62]. Fl-aħħar nett, peress li d-denunzja kalunnjuża hija kunċett li huwa ftit jew mhux żviluppat fid-dritt tal-Unjoni, huwa għalkollox komprensibbli li, sabiex tiġi ddefinita l-portata tiegħu, il-partijiet juru l-proposta tagħhom mal-ġurisprudenza u kummentarji legali nazzjonali, speċjalment peress li l-prinċipji ġenerali tad-dritt, li ġew ikkonfermati mill-ġdid fil-Karta, jirriżultaw, parzjalment, mit-tradizzjonijiet komuni tal-Istati Membri [63].

85. Għalhekk, inqis li, billi ddeċidiet li l-appellanti kellhom l-intenzjoni jiksru r-regoli tad-dritt nazzjonali, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod wisq formali u restrittiv ir-rikors u r-replika fl-ewwel istanza, li fihom riferimenti espliċiti għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u għad-dispożizzjonijiet tal-Karta. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel parti tat-tieni aggravju u tikkonstata li l-Qorti Ġenerali wettqet żball billi kkunsidrat, fil-punti 74 u 76 tas-sentenza appellata, li l-appellanti bbażaw ruħhom, sabiex jinvokaw l-eżistenza ta' denunzja kalunnjuża, fuq dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali Franċiż, fuq il-ġurisprudenza tal-qrati Franċiżi kif ukoll fuq kummentarji legali Franċiżi.

86. Fl-aħħar nett, għal finijiet ta' kompletezza, ser nagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-kwistjoni jekk id-denunzja kalunnjuża tistax eventwalment tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

59 Ara l-punti 74 u 75 ta' dawn il-konklużjonijiet.

60 Punt 56 tar-rikors fl-ewwel istanza.

61 Punt 58 tar-rikors fl-ewwel istanza.

62 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2021, Il-Kummissjoni vs Printeos (C-301/19 P, EU:C:2021:39, punt 54). Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali stess ikkunsidrat li, skont il-ġurisprudenza, l-ammissibbiltà ta' motiv ma tiddependix fuq l-użu ta' terminoloġija partikolari, u lanqas fuq l-invokazzjoni ta' regoli jew ta' prinċipji ta' dritt konkreti. Hija rrilevat li hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tidentifika d-dispożizzjonijiet rilevanti u tapplikahom għall-fatti ppreżentati lilha mill-partijiet anki meta l-partijiet ma jkunux irreferew għad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jew saħansitra jkunu invokaw dispożizzjonijiet differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2015, L-Italja u Spanja vs Il-Kummissjoni, T-124/13 u T-191/13, EU:T:2015:690).

63 Ara l-punti 87 sa 88 ta' dawn il-konklużjonijiet.

87. Għandu jiġi nnotat li d-denunzja kalunnjuża ma tidhirx li għandha sors normattiv dirett fid-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju tal-Unjoni. Sabiex jiġu ddeterminati l-karatteristiċi ta' aġir li jikkostitwixxi ksur għall-finijiet tal-istabbiliment tal-ksur ta' dispożizzjoni legali li l-għan tagħha huwa li tagħti drittijiet lill-individwi, jeħtieġ li jiġu eżaminati t-tradizzjonijiet komuni tal-Istati Membri.

88. F'dan ir-rigward, id-denunzja kalunnjuża tikkostitwixxi reat punibbli taħt il-kodiċijiet kriminali ta' diversi Stati Membri[64], b'tali mod li tista' titqies li hija tradizzjoni komuni tal-Istati Membri. Din tikkonsisti f'li awtorità tiġi mgħarrfa b'att jew f*att ineżistenti* kundannabbli u punibbli[65]. Madankollu, id-denunzji kollha ma humiex neċessarjament kalunnjużi[66]. Fi kliem ieħor, it-traskuraġni jew in-negliġenza ma humiex biżżejjed sabiex jikkostitwixxu l-element intenzjonali tar-reat. Għalhekk, jekk l-appellanti jirnexxilhom jistabbilixxu, fl-ewwel istanza, li l-OLAF intenzjonalment ittrażmetta informazzjoni falza lill-awtoritajiet nazzjonali, allura l-fatti ta' denunzja kalunnjuża jistgħu jiġu stabbiliti. Tali aġir jista' mbagħad jikser id-drittijiet individwali fundamentali tal-persuna ddenunzjata u tkun il-Qorti Ġenerali, sabiex tiddetermina jekk hemmx ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, li jkollha teżamina jekk l-allegata denunzja kalunnjuża tistax eventwalment tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta, ksur li, skont l-Artikolu 52(3) tagħha, għandhom jiġu interpretati skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

89. Fid-dawl tal-elementi preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' parzjalment l-ewwel parti tat-tieni aggravju, sa fejn il-Qorti Ġenerali rrifjutat li teżamina l-argument tal-appellanti dwar denunzja kalunnjuża.

## V. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

90. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar tista', jekk id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tiġi annullata, tiddeċiedi hija stess il-kawża definittivament meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk peress li l-Qorti tal-Ġenerali la eżaminat il-plawżibbiltà tal-informazzjoni u l-elementi fattwali trażmessi mill-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali, u lanqas ma eżaminat il-kontenut ta' din l-informazzjoni, u ulterjorment lanqas ma eżaminat l-intenzjoni ta' din it-trażmissjoni.

## VI. Fuq l-ispejjeż

91. Peress li, skont l-analiżi tiegħi, il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali, hemm lok, konsegwentement, li l-ispejjeż jiġu rriżervati konformement mal-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmi regolament.

64 Bħala eżempju, ara, fid-dritt Ġermaniż, l-Artikolu 164 tal-iStrafgesetzbuch (il-Kodiċi Kriminali); fid-dritt Franċiż, l-Artikolu 226–10 tal-code pénal (il-Kodiċi Kriminali); fid-dritt Latvjan, l-Artikoli 290 u 298 tal-Krimināllikums (il-Liġi Kriminali), u, fid-dritt Slovakk, il-paragrafu 345 taż-zákon 300/2005 Z.z., Trestný zákon (il-Kodiċi Kriminali). Ara, ukoll, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello (C-163/10, EU:C:2011:543), dwar id-denunzja kalunnjuża fl-Italja.

65 Ara, pereżempju, l-Artikolu 226-10 tal-Kodiċi Kriminali Franċiż.

66 Ara d-dispożizzjonijiet iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 64 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara wkoll, Ceccaldi, S., "Sur la nature conjecturale de l'élément moral: l'exemple de la dénonciation calomnieuse", *Revue de science criminelle et de droit pénal comparé*, Vol. 2, Nru 3, p. 587sa 598.

## VII. Konklużjoni

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, u mingħajr preġudizzju għall-fondatezza ta' aggravji oħra, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla parzjalment is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' April 2022, Planistat Europe u Charlot vs Il-Kummissjoni (T-735/20, EU:T:2022:220) sa fejn il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, minn naħa, ma vverifikatx il-plawżibbiltà tal-informazzjoni u tal-elementi fattwali trażmessi mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi lill-awtoritajiet nazzjonali u, min-naħa l-oħra, naqset milli teżamina l-argument tal-appellanti dwar il-possibbbiltà ta' denunzja kalunnjuża. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirriżerva l-ispejjeż.